MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 10/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Kevin Bugeja**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kevin Bugeja** ta' 32 sena, bin Nazzareno u Maryann *nee'* Grech, mwieled Pieta' fl-14 ta' Jannar, 1974, residenti Angel, Flat 1, Sqaq il-Ghadam, Birikirkara u detentur tal-karta tal-identita numru 90174M;

Talli nhar it-3 ta' Jannar, 2008, gewwa Triq l-Isptar, Rabat, ghall-habta ta' 9:15am, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa kkommettejt serq ta' flus, u accessorji, liema

valur ta’ dawn oggetti ma jaccedix il-hamsin lira Maltin izda jaccedi l-Ghaxar Liri Maltin a detriment ta’ Vincenza Attard mir-Rabat, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u dan ai terminu tal-artikoli 261, 262, 274 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi flimkien ma persuni ohra rrenda ruhu komplici li kkagunaw griehi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Vincenza Attard u dan kif iccertifika Dr. J. Zammit MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-artikolu 42, 43, 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli b’diversi atti maghmulin v’rizoluzzjoni wahda fi zminijiet u bnadi differenti ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Lada bin-numru tar-registrazzjoni LAG 219 bi speed eccessiv u dan bi ksur tal-artikolu 127 tal MVR.

Talli fl-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet saq vettura LAG 219 b’manjiera traskurata u perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) (2) tal –MVR Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet saq vettura LAG 219 minghajr ma kien kopert b’polza t’assigurazzjoni ghar-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Talli fl-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet soqt vettura LAG 219 minghajr ma kienet koperta b’licenzja kurrenti sabiex tinsaq fit-toroq mahruga mid-direttur tal-licenzji u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-vettura LAG 219 billi hija parti mill-ghodda wzata sabiex jiki kommess reat u dan jirrendi l-istess vettura bhala corpus delicti u dan ai terminu tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kaz u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(a), 262(1)(a), 274, 42, 43, 214, 216, 15 (1) (a ) u (2) u (3), 18 Kap 65, 127 AL 128/1994, 3 tal-Kap 104;

Rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta li gia inghata l-beneficcju tal-helsien kondizzjonat ghal darbtejn;

Tikkundannh ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Oltre dan tikkundannah ghall-hlas ta’ multa komplessiva ta’ Euro 2450, kif ukoll tordna l-konfiska tal-vettura LAG 219 esebita formalment favur il-Gvern ta’ Malta u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.
Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali ghal-procediment sommarju tal-kawza, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------